Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,371, 23 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 99 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar l-Iżolament Personali ta' Persuni li għandhom Dijanjosi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Iżolament Personali ta' Persuni li għandhom Dijanjosi.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Marzu, 2020.

Iżolament ta' persuni li għandhom dijanjosi.

2. (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna li kwalunkwe persuna li tiġi dijanjostikata li qiegħda ssofri mill-marda infettiva COVID-19 għandha, minnufih malli tirċievi ordni bil-fomm jew bil-miktub, kif ikun il-każ, mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, tissottometti lilha nnifisha għal iżolament u għandha tibqa' f'iżolament sakemm is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tirrevoka l-ordni bil-fomm jew bil-miktub.

(2) Dan l-ordni għandu japplika ukoll għal persuni li jgħixu fl-istess residenza bħal persuna msemmija fis-subartikolu (1).